Kunsill Lokali Ħal Balzan

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan

## ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 8

Data tal-laqgħa: 16 ta' Diċembru 2019

Il-Kunsilli Lokali Ħal Balzan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 7/9, Triq Dun Spir Sammut, Ħal Balzan, fl-4.00 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:

Nutar Ian Spiteri – Sindku
Dott. Angelo Micallef – Viċi Sindku
Stephen Gatt – Kunsillier
Mary Louise Briffa – Kunsillier
Dott. Oliver Nicholas De Gaetano

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Ma kien hemm ebda membru assenti b'apoloġija.

### ASSENTI:

Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Doriette Farrugia – Segretarju Eżekuttiv (SE)

## Minuti

Is-Sindku, in-Nutar Ian Spiteri ippresjeda l-laqgħa.

## 8.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

8.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

## 8.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

8.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti ta' Laqgħa Numru 7. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

8.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Fuq proposta tal-Viċi Sindku Dott. Angelo Micallef, li kien issekondat mill-Kunsillier Dott. Oliver Nicholas De Gaetano, il-minuti ġew approvati unanimament.

## 8.3 Punti li joħorġu mill-Minuti

8.3.1.1 <u>Para 7.7 – Tisbiħ tal-*playing field*</u>
Is-SE infurmat lill-Kunsill bir-risposta tal-Awtorità tal-Artijiet, fejn qed jinfurmaw lis-sit indikat huwa esproprjat mid-Dikjarazzjoni 335 tal-President datata 02/06/1964 u mhux allokat lill-Kunsill Lokali ta' Ħal Balzan. Għalhekk, il-Perit infurma li l-Kunsill irid japplika biex l-art tiġi devoluta. Il-Perit ser ikun qed iħejji s-*survey* u l-pjanti neċessarji biex il-Kunsill ikun jista' japplika.

8.3.1.2 Dwar fondi li jistgħu jintużaw biex jiġu rranġati l-*playing fields*, il-Perit mhux infurmat li hemm fondi li ser jagħlqu fis-7 ta' Jannar. Il-Kunsillier Dott. Oliver Nicholas De Gaetano ser jiċċekkja dwar il-fondi.

8.3.2 <u>Para 7.11 - Servizz ta' trasport għall-anzjani</u>
Il-Kunsillier Dott. Oliver Nicholas De Gaetano infurma lill-Kunsill, li l-laqgħa mal-Ministru tas-Saħħa biex jiġi diskuss dan is-servizz, qed tiġi ppjanata li ssir għal Jannar 2020.

8.3.3 <u>Para 7.12.1 – Tiżjin ta' toroq bid-dwal tal-Milied</u>
Is-Sindku infurma lill-Kunsill lid-dwal ġew imwaħħla. Qal ukoll li kien hemm domanda biex għas-sena d-dieħla jintramaw aktar toroq. Għal sena oħra, it-toroq se jiġu magħżula minn aktar qabel, biex nilħqu noħorġu sejħa għall-kwotazzjonijiet.

8.3.4.1 <u>Para 7.12.2 - *Christmas Village*</u>
Is-SE infurmat li minħabba nuqqas ta' parteċipanti, bi qbil mal-Kunsilliera, l-attività kellha tiġi mħassra. Is-Sindku qal li għal darb'oħra, meta tkun ser tiġi organizzata attività, il-Kunsill japprova l-*budget* u jkun hemm Kunsillier wieħed li jieħu ħsieb jorganizza l-attività kollha. Dan biex ikun hemm koordinazzjoni aħjar.

8.3.4.2 Il-Kunsillier Mary Louise Briffa qalet li xi nies qed jistaqsu dwar x'se jsir mill-fondi allokati għal din l-attività. Dawn il-fondi ser jiġu mfaddla biex jiġu wżati f'xi attività oħra.

8.3.4.3 Dwar il-100 poinsettia li kienu ser jitqassmu lin-nies waqt l-attività, residenti jistgħu jiġbru waħda (*per household*) mill-uffiċċju tal-Kunsill billi jippreżentaw il-karta tal-identità. Ovvjament dawn ser ikunu disponibbli għall-ewwel 100 *household*.

8.3.4.4 Għas-sena d-dieħla, il-Kunsill qabel li jibda jiddiskuti l-attivitjiet relatati mal-Milied minn April.

8.3.5.1 <u>Para 7.13 - Skemi maħruġa mill-Kunsill Reġjonali Ċentru</u>
Is-SE infurmat li l-applikazzjonijiet għal Skema Finanzjarja 1/2019 - Skema ta' għajnuna għall-Kunsilli Lokali fi żmien il-Milied, kif ukoll għal Skema Finanzjarja 2/2019 – Skema ta' għajnuna għall-Għaqdiet fil-lokalitajiet fi ħdan il-Kunsill Reġjonali Ċentru, ġew approvati.

8.3.5.2 Dwar Skema 2/2019, is-Sindku qal li infurma t-tliet (3) Każini dwar dan, fejn irringrazzjawh ta' din l-inizjattiva. Biex ir-Reġjun jirrifondi l-ispejjeż, iridu jiġu pperżentati riċevuti fiskali u peress li l-Każin tal-Banda Filarmonika Marija Annunzjata mhux f'pożizzjoni li jipprovdu riċevuta fiskali, ma jistawx jingħataw l-għajnuna minn din l-iskema. Għalhekk, l-ammont allokat (€800) għal dan il-Każin ser jiġi allokat liż-żewġ

Każini l-oħra, dan biex il-fondi approvati ma jitilfux.

8.3.6 Para 7.14 - *E-Newsletter*
Il-Viċi Sindku infurma lill-Kunsill lix-xogħol biex tiġi mwaqqfa l-*E-Newsletter* ġie ordnat u qed jiġi mmirat li l-ewwel *E-Newsletter* toħroġ f'Marzu 2020.

8.3.7 Para 7.15 - *Active Ageing Sessions*
Is-SE infurmat li tinsab infurmata li l-Kunsill Lokali Iklin aċċettaw li jiġu organizzati b'kollaborazzjoni magħhom, u ser ikunu qed jibgħatu risposta uffiċċjali fil-ġranet li ġejjin.

8.3.8 Para 7.16.5 - Donazzjoni ta' 100 *sapling trees*
Is-SE infurmat li ser jiġu offruti pjanti u mhux żerriegħa u qed jitolbu li jiġu mħawwla madwar il-lokalità u mhux f'ġonna pubbliċi. Il-Kunsillier Stephen Gatt ser ikun qed jitkellem ma' membru tas-Sottokumitat tal-Ambjent biex jiġu identifikati siti fejn possibilment ikunu jistgħu jiġu mħawwla.

8.3.9 Para 7.17.3 – Kiri tal-garaxx
Is-SE infurmat lis-sid m'aċċettax li jikri l-garaxx għal sena u għalhekk ser jerġa' jiġi mikri għal sitt (6) xhur minn Jannar sa Ġunju 2020.

## 8.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

8.4.1.1 Tħawwil ta' siġar fi Triq l-Imdina
Is-Sindku infurma lill-Kunsill li IM approvaw il-kwotazzjoni biex jiġu mħawwla 35 siġra fi Triq l-Imdina, u għalhekk l-ispiża ta' €4,200 (VAT eskluż) ser tiġi ffinanzjata minnhom. Ovvjament, trid issir pubbliċità liż-żona qed tiġi msebbħa b'finanzjament ta' IM u għalhekk, ġie ssuġġerit li jiġu ppreżentati b'*memento* żgħir, meta jiġi inawgurat il-proġett b'turija ta' apprezzament. Is-Sindku qal li qed jiġi ppjanat lis-siġar jiġu mħawwla bejn dan ix-xahar u Jannar 2020, skont meta tasal il-konsenja.

8.4.1.2 Is-Sindku talab lis-SE tikkonferma mal-ELC jekk is-sistema tal-irrigazzjoni li hemm fi Triq l-Imdina (bejn l-Ambaxxata tal-Kuwait u l-Ambaxxata Libjana) hiex qed taħdem.

8.4.2 Proġett ta' *Traffic Island* fi Triq il-Qarċilla
Is-Sindku infurma lill-Kunsill lis-*survey* relatat mal-proġett tat-*traffic island* fi Triq il-Qarċilla għadu mhux lest. Talab lis-SE tibgħat *reminder* lill-Perit biex sal-aħħar tas-sena jiġu ppreparati l-ewwel abbozz ta' pjanti.

8.4.3 Tisbiħ tar-*roundabout* ta' Wesgħa Ġiġi Gauci
Is-Sindku nfurma lill-Kunsill li wara l-Milied jixtieq jibda l-proġett ta' tisbiħ tar-*roundabout* ta' Wesgħa Ġiġi Gauci. Dan ser jinkludi *fencing* baxx dawramejt u titħawwel *hedge* mad-dawra u xi pjanti.

8.4.4 Toroq li ser isiru minn IM
Is-Sindku infurma li IM għad m'għandhomx indikazzjoni meta se jibdew ix-xogħlijiet fuq it-toroq magħżula (Triq Idmejda, Triq Sir Antonio Micallef, parti minn Triq Qarċilla u Triq l-Għerusija).

8.4.5 Żejt fi Triq il-Ferrovija l-Qadima
Is-Sindku staqsa kif bqajna fuq l-ilment li kuntrattur waqqa' xi żejt fit-triq. Is-SE infurmat li l-każ qiegħed f'idejn IM.

8.4.6.1 Bozza mitfija fi Vjal il-Bon Pastur
Is-Sindku infurma li xi residenti lmentaw dwar bozza mitfija fi Vjal il-Bon Pastur. Is-SE infurmat li dik bozza ġdida u trid tiġi *connected* mill-Enemalta. Is-SE ser tibgħat *reminder*.

8.4.6.2 Il-Kunsillier Dott. Oliver Nicholas De Gaetano infurma lill-Kunsill li maġenb iċ-ċimiterju hemm bozza li toqgħod itteptep meta tagħmel ix-xita. Il-kuntrattur ser jiġi nfurmat bl-ilment.

8.4.7 Wied Ħal Balzan
Is-Sindku qal li xi nies staqsew jekk il-Kunsill irċeviex risposta għall-ittra li nbagħtet mill-Ministru Dott. Ian Borg. Is-SE infurmat li ma rċivejna xejn.

8.4.8 Ġemellaġġi
Is-Sindku talab lis-SE tibgħat *reminder* lis-Sindki ta' Pedara u Ficarra, peress li ma rċivejniex risposta dwar jekk humiex interessati jingħaqdu f'ġemellaġġ mal-Kunsill.

8.4.9 <u>Kappelli ta’ Triq it-Tliet Knejjes</u>
Is-Sindku talab lis-SE tibgħat *reminder* lill-Kurja dwar l-ittra lill-Kunsill kien bagħat fuq il-Kappelli ta’ Triq it-Tliet Knejjes.

## 8.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

8.5.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet tal-Kunsilliera.

## 8.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta’ Rapporti

8.6.1.1 <u>Estimi Finanzjarji *Draft* għas-sena 2020</u>
L-Estimi Finanzjarji *Draft* għas-sena 2020 tqiegħed fuq il-mejda tal-Kunsill. Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa. Is-SE infurmat li peress li l-Allokazzjoni Finanzjarja għadha ma waslitx, il-figuri ġew ibbażati fuq l-allokazzjoni tal-2019. Normalment l-Allokazzjoni tintbagħat f’Novembru.

8.6.2.1 Il-Kunsill qabel li għandna nistennew l-Allokazzjoni biex ir-rapport ikun jista’ jiġi ppreparat b’figuri attwali għax minn sena għall-oħra tvarja. F’dan ir-rigward dan ir-rapport ma ġiex approvat.

8.6.2.2 <u>*Tender for the Services of a Contracts Manager for the Ħal Balzan Local Council* – BLC 01/2019 - Aġġudikazzjoni</u>
Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħed ir-rapport kif ukoll il-Minuti tal-Evalwazzjoni tat-*Tender for the Services of a Contracts Manager for the Ħal Balzan Local Council* – BLC 01/2019.

Il-Kunsill unanimament qabel li jilqa’ ir-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Evalwazzjoni li għandha tingħażel l-irħas offerta konformi fil-parti Amministrattiva, Teknika u Finanzjarja ta’ Adrian Mifsud (BOOM Advisory & Consultancy Services) u għaldaqstant dan ir-rapport kif ukoll il-minuti ġew approvati.

## 8.7 Bankina quddiem 44 u 55, Triq it-Tliet Knejjes

8.7.1 Is-SE infurmat lill-Kunsill bir-risposti tas-sidien ta’ 44 u 55, Triq it-Tliet Knejjes, wara li kienet infurmathom bid-deċiżjoni tal-Kunsill, li kien qed jagħti konċessjoni li l-bankina tibqa’ kif inhi sakemm jinħarġu l-permessi neċessarji u jibda l-proġett ta’ tisbiħ ta’ toroq fil-qalba tar-raħal. U li jekk biex isir il-proġett, ikun jesiġi li l-bankini jkunu uniformi, din il-bankina trid tinqala' u ssir bl-istess materjal li ser jiġi użat fil-bankini u t-toroq ta’ dan il-proġett.

8.7.2 Ġie rrimarkat li kien wieħed minnhom stess li talab li l-proġett ta’ pavimentar jiġi estiż sa fejn il-mużew tas-subien u li l-Kunsill daħal fi spejjeż żejda biex dan seta’ jsir peress li riedu jiġu emendati l-pjanti.

8.7.3 Apparti minn hekk, diġà hemm xi residenti tal-istess triq li lmentaw, u s-Sindku spjegalhom li jekk joħroġ il-permess mill-PA, u l-permess ikun jitlob uniformità, il-bankini jridu jinqalgħu.

8.7.4 F’dan ir-rigward, il-Kunsill qed jikkunsidra l-każ bħala magħluq u għalhekk ser jiġi ċċarat mas-sidien ta’ 44 u 55, li kien wieħed minnhom li talab li jiġi estiż il-proġett ( u li dan dejjem tkellem għan-nom tagħhom it-tnejn) u l-Kunsill daħal fi spejjeż addizzjonali biex bdilna l-applikazzjoni. U għalhekk jekk il-PA tapprova l-applikazzjoni, u l-permess ikun jitlob uniformità, l-bankina jkollha tinqala’ bilfors.

8.7.5 Is-Sindku qal ukoll, li meta saret l-applikazzjoni fil-Kunsill preċedenti, għat-toroq ta’ dan proġett, ser jintuża *paving blocks* bħal m’hemm fejn il-Knisja ta’ Birkirkara. Dan it-tip ta’ pavimentar ma jiflaħx vetturi, speċjalment vetturi kbar, u għalhekk jintuża għall-bankini biss.

## 8.8 Librerija Miftuħa

8.8.1 Issa li l-ixkaffar fl-uffiċċju jinsab lest, irid jiġi determinat kif ser tiġi mħaddma l-librerija miftuħa.

8.8.2 Se jkun hemm sessjoni b’kotba ġodda li l-Kunsill kien xtara għal-librerija. Dawn il-kotba jintużaw biss għar-referenza u mhux ser jitħallew joħorġu mill-uffiċċju.

8.8.3 Ser naraw x’tip u kemm għandna kotba u jekk ma jkollniex biżżejjed nagħmlu appell għal aktar kotba fuq il-

paġna ta' Facebook.

## 8.9 Ilmenti u *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill

8.9.1 <u>Talba minn impjegat biex iġġedded xi *leave* għas-sena 2020</u>
Is-SE infurmat lill-Kunsill li rċeviet ittra minn impjegat (skrivan), fejn qed jitlob sabiex iġġedded 48 siegħa mill-*leave* ta' din is-sena għal 2020. Il-Kunsill approva unanimament.

8.9.2.1 <u>*Increment* – Skrivan tal-Kunsill</u>
Is-SE infurmat lill-Kunsill li l-iskrivan tal-Kunsill fit-13 ta' Frar 2019 kien ser jagħlaq tliet fl-impieg tiegħu u għaldaqstant, mill-1 ta' Jannar 2020 imisshu jieħu t-tielet *increment* fis-salarju tiegħu.

8.9.2.2 Il-Kunsill unanimament approva biex l-iskrivan jieħu l-*increment* li jmiss fi Skala 15, minn Skala 15/5 għal Skala 15/6.

8.9.3.1 <u>Talba għall-opinjoni tal-Kunsilli Lokali dwar Direttiva 5/2019</u>
Ġiet innutata *email* mibgħuta mill-Kunsill Reġjonali Ċentru, fejn qed jitolbu lill-Kunsill iressaq l-opinjoni tiegħu rigward il-ħruġ tas-sejħa għall-offerti mir-Reġjun f'isem il-Kunsilli, għas-servizz tal-immaniġjar tal-iskart.

8.9.3.2 Is-Sindku qal li fil-Leġislatura preċedenti, il-Kunsill kien diġà qabel fil-prinċipju lis-sejħa toħroġ mir-Reġjun f'isem il-Kunsilli, dejjem jekk Ħal Balzan jibqa' jifforma parti mill-Kunsill Reġjonali Ċentru, għax skont l-Att dwar Gvern Lokali, il-Kunsill Lokali Ħal Balzan qiegħed imniżżel li se jkun mat-Tramuntana. Il-Kunsill qabel ma' dan.

8.9.4.1 <u>*Bring-in-Site,* Wesgħa Profs. Ġużè' Aquilina</u>
Ġiet innutata *email* mibgħuta minn Dar Merħba Bik, fejn qed jitolbu spjegazzjoni għalfejn żdiedu l-kontenituri f'Wesgħa Profs' Ġużè' Aquilina. Il-kontenituri l-ġodda ġew viċin il-ħajt tad-dar. Qed jitolbu li tinbena pjattaforma tal-metall (u l-kontenituri jitpoġġew fuqha) fuq in-naħa l-oħra tat-triq fuq l-art li qed tintuża bħala parkeġġ.

8.9.4.2 Is-Sindku spjega lill-Kunsill il-każ tas-sena l-oħra, fejn kienu qalu li persuna fis-sakra ppruvat taqbeż minn fuq il-kontenituri għal mal-ħajt tal-binja ta' Dar Merħba Bik. Din prattikament hi impossibbli li ssir minn persuna f'sensiha, aktar u aktar minn persuna fis-sakra. Iżda biex ma jinqalawx polemiċi, dak iż-żmien il-Kunsill kien qabel li jwessa' parti mill-bankina biex il-kontenituri joħorġu l'barra u jkun hemm aktar distanza minn mal-ħajt. Minn dak iż-żmien, il-Kunsill kien tkellem ma' rappreżentanti tal-Kunvent dwar il-proġett propost mill-Kunsill, ta' tħawwil ta' siġar tul il-ħajt ta' fejn hemm il-kontenituri tal-*Bring-in-Site.* L-amministrattiv tal-Kunvent kienu nfurmawna lit-triq flimkien mal-bankina huma proprjeta' tagħhom u għalhekk il-Kunsill ma jista' jagħmel l-ebda proġett mingħajr l-approvazzjoni tagħhom.

8.9.4.3 Il-Kunsill iddiskuta u rrimarka li:

1. l-art li qed tintuża bħala parkeġġ hija privata (*Joint Office*);
2. fejn qed jipproponu, jekk l-art tiġi devoluta lill-Kunsill, qed jiġi ppjanat li ssir parkeġġ kontrollat;
3. minn esperjenza li kellhom Kunsilli oħrajn, meta kontenituri jkunu f'żona abbandunata, ż-żona tispiċċa miżbla għax kulħadd jarmi skart illegalment;
4. Il-Kunsill iddeċieda li jżied l-ammont ta' kontenituri.

8.9.4.4 Dawn l-aħħar xhur, l-iskart mormi illegalment madwar il-kontenituri naqas drastikament. F'dan ir-rigward, it-talba tagħhom ma ġietx approvata u l-Kunsill unanimament qabel li l-*Bring-in-Site* tibqa' u l-kontenituri ser jibqgħu fil-post fejn qiegħdin preżentament.

8.9.4.5 Il-Kunsillier Stephen Gatt ilmenta dwar il-karozzi abbandunati li hemm fl-għalqa. Il-pulizija nfurmawna li min-naħa tagħhom, l-unika ħaġa li jistgħu jagħmlu hi li jordnaw li tiġi mbarrata l-għalqa u ma jużaha ħadd. Din toħloq problema akbar, għax il-karozzi ma jsibux fejn jipparkjaw.

8.9.4.6 Il-Kunsill ser jibqa' jibgħat ir-*reminders* lill-entitajiet ikkonċernati sabiex isir it-tindif neċessarju, u nippruvaw nagħmlu pressjoni sabiex din l-art tgħaddi lill-Kunsill b'devoluzzjoni sakemm tittieħed deċiżjoni mill-Gvern dwar x'se jsir mill-għalqa,

8.9.5 <u>Periklu fi Triq it-Tabib J Zammit k/m Triq Papa Piju XII</u>
Ġew innutati diversi lmenti mibgħuta dwar periklu li hemm fi Triq it-Tabib J Zammit k/m Triq Papa Piju XII

għax ta' sikwiet qed ikun hemm inċidenti tat-traffiku fiż-żona. Is-SE infurmat li fil-ġranet li ġejjin se jsir *refresh* tal-i*Stop*. Apparti minn hekk il-Kunsill qabel li ssir spezzjoni taż-żona, biex naraw jekk hemmx lok li tiċċaqlaq lis-*sleeping policeman* aktar lejn l-i*Stop.*

8.9.6 Ikla tal-Milied 2019
Peress li mhux kulħadd jista' jattendi l-Ġimgħa, 10 ta' Jannar 2020, kien hemm qbil li l-ikla ssir il-Ġimgħa, 17 ta' Jannar filgħaxija fil-lukanda *The Palace*.

## 8.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

8.10.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' pagamenti nru. 12/19 li tammonta għas-somma ta' €30,342.26c, li tinkludi l-ammont ta' €120.41c bħala *Petty Cash* għax-xahar ta' Novembru 2019. Ir-rendikont tal-*Petty Cash* jinsab mehmuż mal-iskeda ta' pagamenti.

8.10.2 L-iskeda ta' pagamenti kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Dott. Oliver Nicholas De Gaetano, li kien issekondat mill-Viċi Sindku Dott. Angelo Micallef. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet.

## 8.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

8.11.1 Il-laqgħa ntemmet fil-5.20pm.

8.11.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar it-Tlieta, 28 ta' Jannar 2020 fl-4.00pm.

Konfermati, illum it-Tlieta, 28 ta' Jannar 2020.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Nutar Ian Spiteri<br>Sindku | Doriette Farrugia<br>Segretarju Eżekuttiv |